MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 199/2005

**Carmelo Cutajar (ID 444746M) u Sylvia Cutajar (ID 804647M)**

**Vs**

**Koperattiva tat-Tjur Limited [C 27064]**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta’ l-atturi ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, sitt mija u sitta u disghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm2,696.58), jew somma verjuri likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti valur ta’ konsneja ta’ tlett elef, seba’ mija u tmienja u disghin (3,798) kilo laham tat-tjur lilha mghoddija nhar is-7 ta’ Jannar 2004, ghal liema konsenja is-socjeta’ konvenuta baqghet ma hallset ebda pagament nonostante diversi nterpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri legali ta' l-24 ta' April 2004, tat-22 ta' Ottubru, 2004 u ta' l-24 ta' Dicembru 2004 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra ta' danni, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-31 ta' Mejju, 2006, meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------